# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 26/K10/25**

Data tal-laqgħa: 24 ta' Frar 2026

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Victor Vella – Kunsillier

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Administration Officer II

Preżenza tal-pubbliku – (2)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

26.1.01 Il-Kunsillier Victor Vella talab li jkun skużat għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**26.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 25/K10/26.

26.2.02 Dwar il-punt 25.4.21 il-Kunsillier David Caruana talab li għandu jiġi rranġat li ġie deċiż li l-Kunsill ser jara kif il-bankina tista' tiġi rranġata.

26.2.03 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

26.2.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondat.

26.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**26.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

26.3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6679 sa' 6691 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

26.3.02 Il-Kunsillier David Caruana staqsa dwar it-tabelli tal-MC Bays u Disabeled Parking Bay u ġie nfurmat li dawn ordnati.

26.3.03 Wara diskussjoni, l-Kunsillier David Caruana ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

26.3.04 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ssekonda.

26.3.05 Dwar il-Purchase Request Sheets, il-Kunsill qabel unanimament.

**26.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

26.4.01 Dwar Ġnien Saver Zarb, ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li l-Perit qed jistenna l-approvazzjoni mingħand l-entitajiet tat-Transport Malta, Water Services Coperation u d-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ikun jista' jinħareġ l-Compliance Certificate.

26.4.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar ic-CCTV Cameras fejn nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera jekk il-kuntrattur għamilx kuntatt

magħhom. It-tweġiba kienet fin-negattiv u ċ-Ċermen wegħdhom li ser jagħmel kuntatt miegħu biex iċemplilhom.

26.4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attivita tal-Karnival kienet suċċess, il-Coffee Morning li sar ġewwa l-Paradise Bay Hotel kien suċċess u l-Kunsill bħalissa qed jorganizza ġita għal Sqallija bejn it-30 u l-31 ta' Mejju 2026, Coffee Morning & Tile Painting ġewwa l-Mediterranean Ceramics nhar il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2026 kif ukoll f'April ser ikun qed jiġi organizzat Coffee Morning bit-tombla ġewwa Dar Bjorn f'Ħaż Żebbug.

26.4.04 Fir-rigward Kumpless Dun Anton Sciberras, il-Kunsill ġie nfurmat li kellna konferma mid-Dipartiment tal-Artijiet rigward *ownership* tal-art ta' dan il-kumpless u l-informazzjoni ntbagħtet lid-Dipartiment ikkonċernat. Sadanitant, il-Kunsill iddeċieda unanimament li jtella fuq il-pagna tal-Kunsill biex jara jekk hemmx xi ghaqdiet jew individwi li għandhom interess għal użu ta' dan il-Kumpless. Wara li jinġabru dawn l-idejat jitfassal programm kif ha jibda jintuża dan il-kumpless għal futur.

26.4.05 Iċ-Ċermen nforma li dwar il-latrini ic-Cleansing and Maintanance Division għadhom għaddejjin fil-proċess li jipprova jsib il-ħaddiema neċessarji u din il-materja ser terga tkun diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

26.4.06 Iċ-Ċermen informa wkoll li ntbagħtet ittra lir-residenti bir-riżultat tal-questionnaire dwar Triq Patrick Brydone u Sqaq is-Siġra filwaqt li saret laqgħa mal-Kunsill ta' San Gwann sabiex tiġi proposta *roundabout* fl-imsemmija area.

26.4.07 Dwar Triq Karl Gouder, il-Kunsill ġie nfurmat li din il-proposta ġiet approvata u dehret fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

26.4.08 Dwar l-email li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Karl Wright (psikoterapista), ic-Ċermen informa li l-Kunsill li hu kellu kuntatt miegħu fuq it-telephone u qed jistenna risposta mingħandu meta jistgħu jsiru dawn il-laqgħat.

26.4.09 Ic-Ċermen informa lill-Kunsilliera li dwar St. Patrick's il-ħwienet u l-NGO's għamlu risk assessment u insurance. Iċ-Ċermen nforma ukoll li sar ftehim ma' kumpanija biex waqt l-attività ta' St. Patrick's jiġi ċċekkjat l-livell tas-sound u b'hekk ikun hemm aktar kontroll kif mixtieq mir-residenti.

26.4.10 Iċ-Ċermen ta' spjegazzjoni dwar l-area meeting li sar fl-20 ta' Frar 2026 ġewwa ic-Ċentru Parrokkjali tal-Balluta. Hu nforma li lill-Kunsill li l-laqgħat li jmiss huma fis-27 ta' Frar 2026 ġewwa l-iskola

tal-Qalb ta' Ġesù u il-Ġimgħa 13 ta' Marzu 2026 ġewwa l-Każin tal-Banda ta' San Giljan.

26.4.11 Dwar it-tabelli tal-piż tal-vetturi kbar f'ċerti toroq tal-lokalita', c-Ċermen nforma lill-Kunsill li għandha tintbagħat email lill-Perit Antoinette Conti mit-Transport Malta, sabiex tinforma lill-Kunsill bil-piż eżatt li jrid jkun hemm fuq it-tabelli filwaqt li tinforma lill-Kunsill dwar it-tabelli li jridu jitwaħħlu

26.4.12 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li dwar il-Bust ta' Dun Anton Sciberras bħalissa għaddej il-proċess sabiex jinħareġ id-DNO neċessarju.

26.4.13 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li fir-rigward il-ftuħ tal-hajt fi Triq Dun Guzepp Xerri ntbagħtet talba lill-Perit tal-Kunsill sabiex jibda l-proċess tal-Applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar.

26.4.14 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa mas-Sur Anton Camilleri, il-kuntrattur li ser ikun qed jibni fi Triq Charles Scibberas ser issir nhar il-Erbgħa 25 ta' Frar 2026 fil-5.00 ta' filgħaxija ġewwa l-Ufficċju tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha huma mistednin.

26.4.15 Dwar il-bdil tad-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq Diodorus Siculus, il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta approvat dan it-tibdil fuq perjodu ta' prova ta' 3 xhur.

26.4.16 Ic-Ċermen informa lill-Kunsill li t-tibdil tal-ID Cards mill-Uffiċju tal-Kunsill ser ikun qed issir bejn it-12 u 18 ta' Marzu 2026 madanakollu mhux ser ikun qed isir tibdil nhar is-17 ta' Marzu 2026 minħabba li tkun St. Patrick's Day. Ġie deċiż li għandu jsir poster u dan jiġi r-reklamat fuq il-midja soċjali kif ukoll fil-Knejjes.

26.4.17 Dwar il-lezzjonijiet tal-Pilates, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn qed ikunu ta suċċess.

26.4.18 Dwar Triq Sant'Anglu, il-Kunsill ġie nfurmat li l-istima biex tiġi rranġata parti minn din it-triq hi ta €138,000 u mhux €10,000 kif kienet preżentata fil-laqgħa li għaddiet. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir komunikazzjoni mas-Sinjura Caroline Ciantar Barbara għal parir kif l-aħjar ssir l-imsemmija triq u l-area.

26.4.19 Ic-Ċermen nforma li t-tarmak tal-area tal-Balluta beda filwaqt li x-xogħolijiet tat-tħaffir biex jaghddu s-servizzi fi Triq Ivo Muscat Azzopardi beda ukoll u ser ikun maqsum fuq 4 fażijiet sabiex it-triq ma tingħalaqx kollha f'daqqa. Wara laqgħa ma' Transport Malta, ċ-Ċermen nforma ukoll li xogħolijiet ta' tarmak f'Paceville ser ikun qed jibda mid-9 ta' Marzu filwaqt li l-Enemalta ser tkun qed tibda xogħolijiet ta' tħaffir fi Triq il-Qaliet, tinżel ghal Triq San Ġorġ u

tidħol għal Triq Spinola. Fuq Triq il-Kbira, il-Kunsill ġie nfurmat li ser tingħata d-data meta ser jibdew x-xogholijiet tad-dranaġġ u l-ilma u wara jingħata l-asfalt.

26.4.20 Ic-Ċermen ta nformazzjoni dwar laqgħa li saret mal-Eċċellenza Marie Louise Coleiro Preca dwar Blossom Project. Iċ-Ċermen ser jara jekk dawn il-flus jistgħux jinġiebu mill-*Urban Improvement Fund*.

26.4.21 Fir-rigward il-bankina quddiem iż-Żebra Crossing fi Triq Mikiel Anġ Borg quddiem il-klinika, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit bagħat il-pjanti neċessarji u ser tkun qed issir l-applikazzjoni għal dawn ix-xogħolijiet.

***26.5 Talba għal kumpens rigward inċident fi Triq Paceville (Każ 2/2026)***

26.5.01 Iċ-Ċermen informa dwar claim li l-Kunsill irċieva dwar inċident fi Triq Paceville.

26.5.02 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill li jibagħat din il-claim lill-Avukata tal-Kunsill.

***26.6 Tender for the Cleaning and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas;***

26.6.01 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li t-tender preżenti ser jagħlaq f'April u għalhekk il-Kunsill għandhuu jiddeċiedi jekk it-tender jiġix mġedded jew jinħareġ wieħed ġdid.

26.6.02 Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament li t-tender preżenti għandu jispiċċa u jinħareġ tender ġdid. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ser tibda l-proċess biex tinħareġ sejħa ġdida. Il-Kuntrattur preżenti ser jiġi nfurmat li t-tender mhux ser ikun mġedded.

26.6.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ġiet skuzata fit-19.55.

26.6.04 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci qara l-punti li qed jissuġġerixxi li jinbidlu fit-tender. Wara diskussjoni, ġie deċiż li fit-tender għandha tiżdied li l-Key Expert għandu juri l-kwalifiċi tiegħu meta jissottometti t-tender. Ġie deċiż ukoll li fir-rigward il-funtana tal-Balluta għandu jkun hemm iktar dettalji fit-tender tax-xogħol li għandu jsir fuq il-funtana.

26.6.05 Il-Kunsill qabel unanimament li s-sejħa l-ġdida għandha tkun għal 4 snin madanakollu l-kuntratt għandu jiġi mġedded sena sena. Ma

kull invoice, l-kuntrattur għandu jibagħat *workplan* bir-ritratti li juru d-data u l-ħin meta saru x-xogħolijiet kif ukoll fit-tender għandha tiżdied il-Cat Village fi Triq William H Prescott. Il-Kunsill qabel unanimament ukoll li għandu jiġi kkajrifikat li f'każ li jinħarġu *default notices* fuq it-tender il-ġdid, dawn għandhom ikunu fuq l-istess post jew fuq l-istess suġġett eżempju tindif tas-*soft areas* tal-istess post jew fuq tindif tas-soft areas ġenerali (jista' jkun postijiet differenti).

26.6.06 Is-Segretarju Eżekuttiv taghat spjegazzjoni tal-ammont ta' dan it-tender li qed jiġi propost li hu ta €40,000. Wara diskussjoni ġie deċiż li jittieħed vot fuq din l-materja fejn iċ-Ċermen Guido Dalli, l-Viċi-Sindku Sean Gauci, il-Kunsilliera, Gabriel Borg Ferrando, Patricia Camilleri u Carlo Mifsud ivvutaw favur li l-ammont tat-tender ikun €40,000 fis-sena, il-Kunsillier David Caruana vvota kontra għax xtaq li l-ammont ikun iktar filwaqt li l-Kunsillier Mario Amaira astjena. Għalhekk ġie deċiż li l-ammont tat-tender il-ġdid ikun ta' €40,000.

26.6.07 Ġie deċiż li t-tender meta jkun lest għandu jintbagħat għal-attenzjoni tal-Kunsilliera permezz ta' email qabel jinħareġ pubbliku.

***26.7 Knis f'San Giljan***

26.7.01 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill dwar ir-risposti li ntbagħatu mill-Kunsilliera fuq mistoqsija tas-Segretarju Eżekuttiv dwar is-servizz tal-knis fil-lokalita'.

26.7.02 Il-Kunsillier Mario Amaira talab informazzjoni għalfejn fil-lokalita' għad m'għandiex il-makkinarju elettroniċi tal-knis u ċ-Ċermen nforma li l-Kunsill qed jistenna l-informazzjoni mingħand id-Dipartiment ikkonċernat fejn jixtiequ li jkunu miżmuma. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li għandha ssir laqgħa mal-istess Dipartiment minħabba li suppost għandu jibda *supervisor* tal-Kenniesa ġdid dalwaqt.

***26.8 Talbiet żgħar:***

**26.08.01 Email mingħand Transport Malta dwar Triq il-Baltiku**

26.08.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva email mingħand Transport Malta dwar *sleeping policeman* fi Triq il-Baltiku wara applikazzjoni li saret mill-Kunsill ta' San Ġwann peress li waħda minnhom tinsab fil-konfini ta' San Ġiljan. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din l-*isleeping policeman*.

**26.08.02 Email ta' ringrazzjament mingħand il-Familja Gouder**

26.08.02.01 Ic-Ċermen qara l-email ta' ringrazzjament tal-familja Gouder għal isem ta' triq li ser tissemma għal Karl Gouder.

**26.08.03 Proposta għall-Appoġġ tal-Kunsill Lokali għad-Dikjarazzjoni ta' Verdala dwar il-Persuni mingħajr saqaf fuq rashom 2025.**

26.08.03.01 Ic-Ċermen ressaq din il-proposta u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiċċekkja eżatt din fiex tikkonsisti u għandha terġa tinġieb għal attenzjoni tal-Kunsill.

**26.08.04 Email dwar il-ħlasijiet nvoluti fil-kawża tal-Ġnien Ta' Giorni.**

26.08.04.01 Wara spjegazzjoni li ta' l-Kunsillier David Caruana ta' l-ammonti miktubin fl-email, ġie deċiż li c-Ċermen għandu jagħmel kuntatt mal-Avukata konċernata.

**26.08.05 Email dwar Community Run**

26.08.05.01 Ic-Ċermen ressaq talba sabiex issir Community Run b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali San Ġiljan b'risq il-Hospice Malta u ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din issir u jgħin kif jista' f'din l-attività.

**26.08.05 Talba għal għajnuna biex jsiru extra curricular activities fl-iskola primarja ta San Giljan**

26.08.05.01 Fir-rigward din il-materja ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaqbel ma dan il-prinċipju però kull talba għandha tiġi kunsidrata *case by case.*

**26.09 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

26.09.01.01 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li l-mistoqsijiet li ntbagħatu mill-Kunsilliera ser ikunu qed jiġu mwieġba permezz ta' email.

**26.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

26.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Tlieta 24 ta' Marzu 2026 fl-5.00p.m.

26.10.02 Il-laqgħa ntemmet 5.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 24 ta' Frar 2026**